**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 44 – IL-ĠIMGĦA 10 TA' AWISSU 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-LAQGĦA NUMRU 43

1.1 Il-minuti numru 43 inqraw u wara dawn ġew approvati tliet voti favur - Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, s-Sur Massimo Scerri u astjenew is-Sinjorina Lorraine Farrugia u Dr Marc Sant.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa ġiet approvata unanimament fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri u sekondata mis-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris.

## 2. OFFERTI TAL-LATRINI PUBBLIĊI

2.1 Il-Kunsill approva unanimament biex tinħareġ l-offerta għaż-żamma ta' latrini pubbliċi li jinsabu fi Vjal Trasfigurazzjoni, Ħal Lija.

## 3. PPP – TOROQ

3.1 Il-Perit John Rizzo Naudi, il-*Contract Manger* ta' dan il-Kunsill kien preżenti waqt din id-diskussjoni dwar PPP – Toroq.

A. WATER CULVERT

3.2 Il-Kunsill unanimament approva biex issir rampa bħala 'traffic calmer' fi Triq Annibale Preca, Ħal Lija, ħdejn il-Plant Biotechnology Centre u fl-istess waqt din ir-rampa, skont il-Perit John Rizzo Naudi, isservi wkoll bħala lqugħ tal-ilma tax-xita flok il-*water culvert* li kien hemm qabel ma ġiet asfaltata t-triq.

B. SINJALI TAT-TRAFFIKU

3.3 Il-Kunsill approva unanimament il-pjanta ppreparata mill-Perit John Rizzo Naudi, li fiha kien hemm dettaljat l-ispazji ta' parkeġġ li għandhom isiru fi Triq Annibale Preca, Ħal Lija.

3.4 Il-Koptasin għandhom jieħdu ħsieb biex jgħamlu dawn il-marki taħt is-supervizzjoni tal-Perit John Rizzo Naudi.

C. TALBA LILL TRANSPORT MALTA DWAR STANDARD TAX-XOGHOL FIT-TOROQ

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill dwar ir-risposta mgħotija minn Transport Malta għall-ittra li kienet saret mill-Kunsill ta' Ħal Lija fejn dan kien qed jitlob li tingħata opinjoni oħra (second opinion), għax-xogħol ta' tliet toroq li saru bil-proġett PPP – Toroq mill-Kuntrattur, Polidano Brothers Ltd., u li kienu ċertifikati mill-Perit tal-Kunsill, John Rizzo Naudi.

3.6 Is-Sinjura Audrey Testaferrata De Noto, permezz tal-email bid-data 17 ta' Lulju 2012, infurmat lill-Kunsill li din it-talba għandu tkun indirizzata lid-Direttura tat-Toroq.

3.7 Is-Segretaru Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill li huwa kien irrefera l-ittra lid-Direttorat tat-Toroq, is-Sur Simon Grima, nhar il-25 ta' Lulju 2012 u li sal-lum kien għad mhemmx risposta.

D. PENALI – POLIDANO BROTHERS LTD.

3.8 Il-Kunsill unanimament appprova biex tinżamm laqgħa bejn rappreżentanti tal-Kunsill u Polidano Brothers Ltd. biex tkun indagata l-possibilità ħalli flok il-ħlas tal-penali li qed ikun impost fuq Polidano Brothers Ltd. minħabba dawmien ta' xogħol, il-Kuntrattur jagħmel xogħol ta' asfaltar quddiem il-Kapella tal-Mirakli u part mit-Triq bejn il-Kappella tal-Mirakli u Triq Kananea.

3.9 Il-Perit John Rizzo Naudi għandhu jieħu ħsieb l-arranġament biex tinżamm din il-laqgħa.

## 4. TISWIJIET TA' TOROQ

4.1 Il-Kunsill unanimant approva biex il-Perit John Rizzo Naudi, jiġbor stima ta' xogħol biex tkun irranġata Triq id-Dejqa, Ħal Lija, u xi nħawi oħra fil-lokalità.

## 5. TALBIET TA' SINJALI TAT-TRAFFIKU LIT-TRANSPORT MALTA

5.1 Il-Kunsill unanimament approva biex issir talba lit-Transport Malta biex isiru sinjali tat-traffiku – 'un/loading' – u sinjali sofor quddiem żewġ ħwienet fi Triq Sir Ugo Mifsud, Ħal Lija.

5.2 Il-Kunsill unanimament approva r-risposta lit-Transport Malta, dwar it-talba tas-Sur George Tanti, biex dan jingħata 'reserved parking' ħdejn ir-residenza tiegħu skont l-informazzjoni mgħotija mis-Sur George Tanti.

## 6. LAQGĦA

6.1 Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 6 ta' Settembru 2012 fil-5:30p.m..

Il-laqgħa ntemmet fis-7:15 p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Alfred Buhagiar |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |